Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Triq Notabile,
Attard.
Data: 2 t'Ottubru 2016.

Kummissarju tas-Sahha Mentali, Dr. John Cachia,

Ilni rikoverat l-isptar Monte Carmeli mid-19 ta' Marzu 2014 mindu kont gejt arrestat b'rabta mal-kaz ta l-annimali msallba fil-Mosta u sussegwentament ma kontx gejt misjub hati mill-Qorti imma ordnat li nibqa' ninzamm l-isptar Monte Carmeli sakemm ikun hemm bzonn. Kont dehert quddiemek bhala Kummissarju tat-Tribunal ghar-revizjoni tas-Sahha Mentali fis-7 t'April 2016 (wara aktar minn sentejn) fejn jidher li min-naha tieghek kont baghat r-rakkomandazzoni lill-Ministru li nista' nohrog bil-leave. Sfortunatament il-Ministru ghazel li jtawwalli l-process billi rrefera kollox lill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija (zewg min-nies li m'humiex kompetenti fil-qasam tas-sahha), u konsegwenza t'hekk taf ikolli naghmel mas-sentejn u fuqhom ohra maqful l-isptar sakemm xi darba dawn jirrispondu. Nistaqsi huwiex dehnju jinkisruli d-drittiiet umani tieghi b'dan il-modd fejn fost l-ohrajn qed nibqa' ninzamm l-isptar kontra r-rakkomandazzoni ta' l-istess Tribunal (dan kollu sempliciment biex nohrog bil-leave).

Il-problema l-ohra tikkoncerna l-injection li qed ninghata. L-ewwel injection li nghatajt li domt nihodha xi sena u nofs, il-Fluaxol, kienet gabitni l-hin kollu rrid nixxengel meta nkun bilqedgha u ma nkunx qed inzomm ma mejda. Il-psikjatra kien ordnali xi 6 pirmli Artaine kuljum ghal kontra dawn is-side effects imma xorta bqajt nixxengel ghax il-kura hawnhekk hi li l-ewwel imarduk imbaghad jimlewk bil-pirmli. L injection li qed ninghata issa, r-Risperdal Consta gabitni fost affarijiet ohra l-hin kollu bil-hedla, u ghar minn hekk, sterili, u bhala side effects ohra fiha li tqabbdek il-parkinson, id-dementia u d-diabete skond ma hemm imnizzel fil-leaflet taghha. Gharraft lit-tabib u qalli li jigi jkellimni imma baqa' ma giex ghax dejjem ikollu x'jaghmel u jien dejjem nigi l-ahhar irrispettivament mill-gravita tal-kaz li gabni fih. Ghalija hajti giet il vera bla skop u nhossni mkisser u bla moral ta' xejn imma ghalih qisu xejn mhu xejn u mill-impressjoni li hadt jidher li se jkolli nibqa' nihodha mhux ghax vera ghandi bzonnha imma ghax hekk kien ftiehem mieghek meta deherna quddiem t-Tribunal f'April li ghadda. Nistaqsi ghandix dritt nirrifjuta l-kura li qed tipperikolari sahhti u taf qed taghmlli hsara permanenti u jekk faddallix dinjita li niehu decizjoni u nkun responsabbli jien ghaliha nnifsi u x'inhu r-rwol tar-responsable carer f'dan il-kaz? Nista nzomm lill-psikjatra responsabbli ghal hsara li qed jaghmel lil sahhti jew ma fadalli drittijiet ta' xejn? Jien ma kont qatt ta periklu ghal hadd u l-istess Magistrat fil-Qorti kien semma li jien qatt ma kont ta' theddida ghas-socjeta. Waqt il-perizja li kienet ordnat il-Qorti, kont esagerajta apposta ghax bzajt li nehel il-habs u nirrovina l-karriera u l-avukat kien qalli li naghmel xi 4 xhur l-isptar sakemm jiltaqa' t-Tribunal u nohrog u minhabba f'hekk ma kontx appellajt s-sentenza. Ghazilt li nigi ittimbrat bhala skizofreniku minkejja li jien qatt m'ghidtilhom li nisma ilhna u minkejja li f'dawn is sentejn u nofs u fuqhom li ilni maqful l-isptar qatt ma wrejt sintomi ta' skizofrenja jew mard iehor u dejjem gibt ruhi sew u ghint fejn stajt, kemm jekk nurses, fattigi u l-istess pazjenti.

Nitolbok tevalwa l-kaz tieghi fi zmien ragjonevoli, tiehu n konsiderazzjoni l-imgieba dejjem tajba tieghi u l-fatt li qatt ma wrejt sintomi ta' mard, u tiddirigini x'nista' naghmel u xi drittijiet ghandi.

Dejjem tieghek,

______________________________
Nicholas Grech (mob: [redacted])